Ċarċir ta' demm: biki ta' dmugħ il-ħajja
jithallew vojta ta' l-imrar il-kwies.
Ħajja mitmuma tofroq l-arja w twerżaq
b'mod illi ma jistgħux jis'mgħuha n-nies.

U ġenn sfrenat mal-għajta kerha mwiegħra
tinstema' mill-għerien bħal mill-intern,
mal-biki ta' l-erwieħ ta' l-indannati
li jkunu jgħażżu snienhom ġo l-infern.

Għajnejn il-qtates jibbru f'lejl id-dalma
titbeżża' tisma' tagħhom it-tinwiħ;
taħseb fil-mewt, u tibża' tisma' l-għajta
u l-karba kerha minn tal-klieb l-inwiħ.

X'fantasija ta' ħsieb; erwieħ imnikkta
jidhru fatati bojod, jibku d-dmugħ
bla xejn mistrieħa, irsiera tal-vampiri
li jżuru l-oqbra bil-fatat tar-ruħ!

---

# WARA L-EWWEL XITA

*Lis-Sur NIN CREMONA, D.Lit. (Hon.), Mgħallmi tal-Malti.*

*Ta'* MARJU AGIUS

Tgħaxxaqt niġġerra qalb l-egħlieqi jħammru,
Bi bdiewa bieżla bil-moħriet jaħartu:
B'oħrajn b'imgħażqa l-ħamrija jqallbu
Kulħadd ġo artu.

Tgħaxxaqt inħares lejn ir-raba' saqwi
Bi ħxejjex sbieħ u kullimkien iħaddru:
Kulħadd ferħan minbarra wħud li kollox
Iħobbu jmaqdru.

Tgħaxxaqt bil-ħoss ta' l-ilma ġieri jserrep
Taħt siġar taż-żebbuġ fil-wied ta' ħdejna
U jċarċar minn ġol-blat fl-għoljiet żgħar tagħna
B'ħarrub imżejna.



Tgħaxxaqt bl-għasafar ferħanin inaqqru;
Bil-lwien ukoll li feġġu minn qawsalla,
U b'xi raħħala qrib il-merħla tagħhom
Ifaħħru 'l Alla!

---

# BALLADA SEWDA

*(SUNT LACRIMAE RERUM)*

*Ta'* J.P. VASSALLO

B'qalbi bil-hemm magħsura
Madwari jien inħares:
Joqtru bid-demm jien nilmaħ...
Mane, Thekel, Phares.

Mgħawweġ għaddej il-bniedem,
Bid-dnub imfawra s-sorra,
Mgħobbi bil-għajb tas-saħta
Ta' Sodoma u Gomorra.

Tinżel, tinżel ix-xita
U ma tkabbarx żerriegħa:
Fejn ma ddakkarx l-imħabba
Battala tibqa' l-qiegħa.

Bejn id-dawl u d-dalma
Ħluq nara miftuħin,
Li qatt ma redgħu sider
U jisħtu lill-bnedmin.

Ma kienx il-ġuf benniena
Ta' mħabba u ta' mogħdrija,
Iżda maqjel jinten
U ksiħ ta' biċċerija.

U l-omm li tat il-ħajja
Qaċċtitha minn ġol-ġuf,
Eħrex mill-eħrex tigra
Għall-mewt tat il-ħaruf.

O ħalq għalxejn imsawwar
Għax qatt ma jgħajjat "Ma",
Mid-dlam għad-dlam imferragħ,
Qatt t'Alla d-dawl ma ra.

Bħal dudu ġewwa l-fosdqa
Bil-ksieħ il-qalb mismut,
Ħaruf għadu bla tebgħa
Minn ommu ġie misħut.

Nisel ta' qalb bla rażan,
Bin żina, bin il-flus,
Bla dmugħ u bla tifkira
Bħat-tajn int ġejt mirfus.

U min isaltan jidħak,
Jidħak mingħajr mogħdrija,
Jadura l-klieb u l-qtates
Jistmerr ġmiel ta' tarbija.

U l-id li kellha twennes
U ddewwi b'qalb ħanina
Newlet is-semm lill-ħajja
U sinnet is-sikkina.

Ippokrate, quddiemek
Inbaxxu ras misħuta
Għax fik il-qalb u x-xjenza
Dejjem kienu marbuta.